# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Magistrat

## Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. Matr. (Can.)

## Rikors Numru: 51/2017 CSH

## Wara l-hrug tal-ittra ufficjali (taht il-procedura tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) enumerat 1765/16 ipprezentata fit-22 ta' Settembru 2016 u Reza Ezekuttiva fil-15 ta' Dicembru 2016 fl-ismijiet:

## Lino Abela ghan-nom u in rapprezentanza ta' C. Abela Service Station

## Vs

## Jason Vassallo (K.I. 269372M) f'ismu proprju u f'isem Jason Vassallo Construction Ltd.

## Illum 10 ta' Mejju, 2017.

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors prezentat minn Jason Vassallo fit-22 ta' Frar, 2017 fejn espona:

1. *Illi fid-data tat-22 ta' Settembru tas-sena 2016, is-socjeta' attrici intavolat ittra ufficjali fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u dana ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. (Ittra Ufficjali enumerat 1765/16 kopja ta' liema qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. IU 1).*

2. *Illi l-imsemmija ittra giet reza Ezekuttiva skond Art. 166A tal-Kap. 12 fid-data tal-15 ta' Dicembru 2016 u dana wara li s-socjeta' intimate qatt ma giet notifikata, sahansitra l-ittra ufficjali regghet inharget ghan-notifika tas-socjeta' intimata wara li giet reza ezekuttiva.*

3. *Illi appena s-socjeta' intimta giet notifikata bl-imsemmija ittra ufficjali enumerata 1765/16, intavolat risposta fl-istess atti fit-terminu stipulate fil-ligi.*

4. *Illi ai termini ta' l-artikolu 166(5) A tal-Kap 12 (ii) tal-Ligijiet ta' Malta, Titolu Ezekuttiv li jinkiseb skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm opposizzjoni min-naha tad-debitur, ghandu jigi rexiss u ddikjarat null u bla effett jekk meta ssir talba premzz ta' rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Magistrati (Ghawdex), skond il-kaz, li tigi pprezentata mid-debitur fi zmien ghoxrin gurnata mill-ewwel notifika li ssirlu xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu, il-Qorti tkun sodisfatta li l-ittra*

*ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) u (3).*

5. *Salv sottomissjonijiet legali ulterjuri permessi bil-ligi.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti toghgobha a tenur tal-Artikolu 166A(5) :*

i. *Tappunta dan ir-rikors ghas-smiegh fi zmien gimghatejn.*
ii. *Thassar u tirrevoka u tiddikjara null u bla effett it-titolu ezekuttiv fuq imsemmi.*
iii. *Taghti kull provediment irhor illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez u b'riserva ghal kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti skond il-ligi.*

Rat ir-risposta ta' **Lino Abela ghan-nom u in rapprezentanza ta' C. Abela Service Station** fejn espona:

1. *Illi preliminarjament l-esponenti jirrileva illi r-rikors maghmul minn Jason Vassallo huwa wiehed irritu u null stante illi sar fuori termine u cioe' ma sarx fit-terminu ta' ghoxrin (20) gurnata stipulate ai termini tal-Artikolu 166(5)A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi jigi rilevat illi l-ittra ufficjali giet*

*notifikata l-ewwel darba nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) lis-socjeta' Jason Vassallo Construction Ltd. Illi din l-istess ittra giet reza ezekuttiva nhar il-hmistax (15) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016). Illi Jason Vassallo personalment gie notifikat nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax u nhar is-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) huwa pprezenta r-risposta tieghu fir-Registru tal-Qorti. Illi r-rikors mertu tal-proceduri odjerni gie ntavolat nhar it-22 ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) u cioe' aktar minn xahrejn wara minn meta l-ittra ufficjali notifikata skont il-ligi giet reza ezekuttiva u kwazi erba' gimghat wara li Jason Vassallo gie notifikat bl-ittra ufficjali (att gudizzjarju). Illi ghalhekk fiz-zewg kazi Jason Vassallo pprezenta r-rikors mertu tal-proceduri odjerni fuori termini peress li lahqu skattaw l-ghoxrin (20) gurnata fi kwalunkwe kaz;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fil-mertu l-esponent jirrileva illi t-talbiet hekk kif maghmula mir-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi n-notifika saret skond il-ligi u dank if jidher min-notifika tal-ewwel ittra ufficjali liema ittra ufficjali giet notifikata nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) u ghalhekk l-ittra ufficjali surriferita hija wahda valida ai fini u effetti kollha tal-ligi;*

3. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

*Ghaldaqstant m'hemmx lok li t-talba tar-rikorrent Jason Vassallo tigi milqugha, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu.*

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Frar 2017 fejn appuntat dan ir-rikors ghas-smiegh.

Semghet lir-rikorrenti **Jason Vassallo** jixhed u dan fis-seduta tas-26 ta' April 2017 fejn stqarr li huwa sid il-fond Ta' Mariah Flats, Flat 1, Triq il-Kappar, Mosta pero' dan huwa kien krieh lil socjeta' privata fis-sena 2011 u ma kellux aktar x'jaqsam ma' dan il-fond u ghalhekk qatt ma kien ircieva kopja tal-ittra ufficcjali indirizzata lilu f'dan il-fond. Qal pero' li f'din is-sena f'Jannar huwa kien gie notifikat personalment fl-indirizz 80, 'Vasseville', Triq San Silvestru, Mosta b'kopja ta' din l-ittra ufficcjali.

Rat in-nota tal-intimat prezentata seduta stante nhar is-26 ta' April 2017 li permezz taghha huwa esebixxa kopja legali tal-ittra ufficjali datata 22 ta' Settembru 2016 numru 1765/65 u minn ezami tal-istess jirrizulta li fuq din l-ittra ufficcjali hemm zewg riferti li saru rigward l-intimat, dik li saret lis-socjeta' intimata Jason Vassallo Construction Limited datata 27 ta Settembru 2016 kif jirrizulta mit-timbru tal-Purtier Edwin Vassallo a fol. 15 tal-atti u dik li saret lill-intimat *de proprio* Jason Vassallo nhar id-29 ta' Dicembru 2016 kif jirrizulta mit-timbru tal-Purtier Ronald Tabone ukoll a fol. 15.

Semghet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw ir-rikors seduta stante.

## Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrenti qed jghid li l-ittra ufficcjali kif reza esekuttiva nhar il-15 ta' Dicembru 2016, m'ghandhiex ikollha effett fil-konfront tieghu u dan ghaliex huwa gie notifikat personalment ghall-ewwel darba wara dik l-istess data. Tghid ukoll li ghalhekk tali riferta tas-27 ta' Settembru 2016 mhix korretta u dan ghaliex skond ix-xhieda ta' Jason Vassallo huwa kien kera il-fond fejn sar it-tentattiv tan-notifika lil terzi fis-sena 2011. Tghid ukoll li r-rikorrenti gie notifikat bl-ittra ufficcjali mertu tar-rikors odjern wara u cioe' f'Jannar 2017 minkejja li l-Purtier jghid li kien innotifika lir-rikorrenti nhar id-29 ta' Dicembru 2016.

L-avukat difensur tal-intimat mill-banda l-ohra jghid li l-ittra ufficcjali 1765/16 giet notifikata validament lill-intimat u r-rikorrenti agixxa *fuori termine* sabiex jipprezenta r-rikors odjern stante li skond il-ligi dan kellu jsir fi zmien ghoxrin jum mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali.

Illi jinghad li f'dawn il-proceduri l-provi huma skarsi hafna ghaliex l-unika haga li din il-Qorti ghandha quddiemha hija kopja legali tal-ittra ufficcjali li kienet giet prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Settembru 2016 bir-riferti relattivi, liema ittra ufficcjali giet prezentata fil-konfront tar-rikorrenti *de proprio* u fil-konfront tar-rikorrenti *nomine*. Illi pero' jinghad, u dan qed jigi sollevat minn din il-Qorti, u mhux mill-partijiet li r-rikors odjern sar **<u>BISS</u>** mir-rikorrenti *de proprio* u ghalhekk donnu r-rikorrenti ma kienx qed jikkontesta n-notifika li saret lilu ghan-nom tas-socjeta' limitata Jason Vassallo Construction Limited.

*Di piu'* r-rikorrenti ghazel li jaghti x-xhieda tieghu pero' ma kkorrobora bl-ebda mod tali xhieda b'xi prova dokumentarja. Ma pprezenta l-ebda dokument sabiex jindika li effettivament l-ittra ufficcjali giet notifikata lilu in rappresentanza tas-socjeta' Jason Vassallo Construction Limited f'post li ma kienx ghadu jghajjat lis-socjeta', bhal per ezempju kopja tal-kirja li kienet saret mal-allegat terz. Lanqas ma ressaq xi prova sabiex jindika lill-Qorti li r-riferta li thalliet f'dan il-fond, u cioe' fil-fond Ta' Mariah Flats, Flat 1, Triq il-Kappar, Mosta, thalliet ma' persuna li mhix impjegata tas-socjeta' Jason Vassallo Construction Limited. Strah biss fuq ix-xhieda tieghu.

Jinghad pero' li in realta' r-rikorrenti kien qed jikkontesta r-riferta li saret lis-socjeta' minnu rapprezentata izda mhux f'dawn il-proceduri stante li s-socjeta' Jason Vassallo Construction Limited ma hix parti f'dan ir-rikors.

**Kunsiderazzjonijiet Legali.**

Il-ligi ta' procedura hi ta' Ordni Pubbliku u kwindi ghandha tigi "*osservata alla lettera e non per equipollens*".

Ir-rekwiziti ta' notifika korretta huma ta' natura ta' Ordni Pubbliku u bhala tali ghandhom jigu osservati *ad unguem*. (ara Qorti ta' l-Appell 14 ta' Gunju, 2001 - **Maltacom plc vs Carmel u Mary Doris Muscat**).

Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-7 ta' Lulju, 2003 fl-ismijiet **Said International Limited vs MAC Limited et** inghad li:

"*Huwa indiskuss illi n-notifika ta' atti gudizzjarji hi regolata bid-dispozizzjonijiet specifici fil-Kodici ta' Procedura (Kap. 12) u li l-validita` taghha tista' biss tregi jekk jigi provat konkluzivament illi n-notifika saret skond kif fl-istess dispozizzjonijiet mahsub*."

L-artikolu 187 (1) tal-Kap. 12 jibda billi jghid:

"187. (1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata ... "

L-artikolu 187 (4) tal-Kap 12 jitkellem dwar korpi, personalita` guridika distinta u jghid:

"(4) Fil-kaz ta' korp li jkollu personalità guridika distinta, in-notifika lil dak il-korp ghandha ssir billi tithalla kopja ta' l-iskrittura:

(a) fl-ufficcju registrat, fl-ufficcju principali, tieghu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 181A jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp; jew

(b) f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2) bil-mod provdut fis-subartikolu (1)."

Dan kollu jwassal li notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata. Notifika ghandha ssir lil dik il-persuna u mhux persuna ohra ghall-validita` taghha. Korp li ghandu personalita` guridika distinta jigi notifikat fl-ufficcju registrat, ufficcju principali, post tan-negozju jew indirizz postali f'idejn il-persuni li jkollhom rapprezentanza guridika ta' korp, segretarju ta' kumpanija, persuna ohra awtorizzata bil-miktub biex tirrapprezenta atti gudizzjarji, jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp.

Illi ghalhekk ir-rikorrenti f'dan ir-rikors kellu jkun Jason Vassallo ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Jason Vassallo Construction Limited u mhux Jason Vassallo *de proprio* ghaliex l-ittra ufficcjali esebita u reza esekuttiva nhar il-15 ta' Dicembru 2016 saret ezekuttiva fil-konfront tas-socjeta' Jason Vassallo Construction Limited **BISS** u ghalhekk tista' tigi esegiwta **BISS** fil-konfront tas-socjeta' u sabiex tigi esegwita fil-konfront tar-rikorrenti *de proprio* tali ittra trid tigi ttimbrata wkoll mid-Deputat tal-Qorti fejn jigi indikat li giet ukoll reza esekuttiva fil-konfront tar-rikorrenti *de proprio*.

Issa fil-kaz in desamina stante li r-rikorrenti f'dan ir-rikors huwa biss Jason Vassallo u mhux Jason Vassallo ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Jason Vassallo Limited, din il-Qorti ma tista' QATT takkolji t-talba rikorrenti fil-konfront ta' terz u cioe' li thassar u

tirrevoka ittra ufficcjali li llum hija esekuttiva li saret fil konfont ta' persuna legali li ma hix parti f'dan ir-rikors.

**Ghalhekk din il-Qorti qieghda tichad it-talba rikorrenti.**

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.**

Dott. C. Scerri Herrera LL.D.

Magistrat

Marbeck Spiteri

Deputat Registratur